MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 161/2017/1 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Carmelo Carabott (K.I. 349760M) sija bil-polza u sija bil-liġi, u l-istess Carmelo Carabott**
***(l-appellanti)***

***vs.***

**Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**
***(l-appellata)***

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà attriċi GasanMamo Insurance Limited (C 3143) minn sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 2019 fl-ismijiet fuq

premessi (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-ewwel Qorti"), li permezz tagħha l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kwistjoni bejn il-partijiet billi laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili sollevata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi.

**Fatti**

2. Il-kwistjoni bejn il-partijiet bdiet meta s-soċjetà attriċi pproċediet kontra l-konvenuta, illum l-appellata, sabiex din tħallasha s-somma ta' għaxart elef, sitt mija u erbgħa u tletin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€10,634.48), rappreżentanti *excess* imħallas mill-assigurat tas-soċjetà attriċi Carmelo Carabott u d-danni sofferti minnu in segwitu għal inċident li seħħ fis-26 ta' Ġunju, 2010 fi Triq Diċembru 13, il-Marsa. Dan l-inċident seħħ meta l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KRT 808, assigurata mas-soċjetà attriċi u li fil-ħin tal-inċident kienet qiegħda tinstaq minn iben l-assigurat, Kurt Carabott, ġarrbet ħsarat wara li żelqet fuq drenaġġ li kien qiegħed ifur fit-triq. Is-soċjetà attriċi sostniet li għal dan l-inċident taħti kompletament il-konvenuta, li mxiet b'negliġenza u traskuraġni meta naqset milli żżomm it-tappiera inkwistjoni fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u mingħajr periklu għas-sewwieqa u għal persuni oħra li kienu għaddejjin mit-triq.

**Mertu**

3. Is-soċjetà attriċi ressqet il-pretensjonijiet tagħha permezz ta' kawża fejn talbet lill-konvenuta tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni li s-soċjetà attriċi kellha tħallas lill-assigurat tagħha konsegwenza tal-imsemmi inċident. Qabel inbdew il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, is-soċjetà attriċi kienet diġà interpellat lill-konvenuta sabiex tersaq għall-ħlas tad-danni permezz ta' żewġ ittri uffiċjali, waħda tad-29 ta' Awwissu, 2011 u l-oħra tat-12 ta' Ġunju, 2013. Is-soċjetà attriċi kienet istitwiet ukoll proċeduri fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, iżda kienet ingħatat deċiżjoni li ċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ma kellux il-kompetenza *rationae materiae* sabiex jiddeċiedi kwistjonijiet ta' din ix-xorta, fejn l-inċident li kien involut fih l-assigurat tas-soċjetà attriċi ma kienx inċident stradali jew kolliżjoni.

4. Fir-risposta tagħha għar-rikors li tressaq quddiem l-ewwel Qorti, il-konvenuta wieġbet li in linea preliminari, il-kawża mressqa mis-soċjetà attriċi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Intqal ukoll li hija mhix leġittima kontradittriċi biex twieġeb għat-talbiet attriċi, li t-talbiet attriċi huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u li s-soċjetà attriċi trid iġġib prova tad-danni subiti mill-assigurat tagħha.

**Is-Sentenza Appellata**

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 2019, l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta li l-kwistjoni bejn il-partijiet ġiet preskritta, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"F'din il-kawża r-rikorrent qed jitlob li l-intimat jiġu dikjarati responsabbli għad-danni kawżati in segwitu ta' inċident li seħħ fis-26 ta' Ġunju 2010 fi Triq Diċembru 13 Marsa. Vettura proprjetà ta' assikurat tas-soċjetà rikorrenti ġarrbet ħsarat minħabba ħruġ ta' drenaġġ illi kien qiegħed ifur minn tappiera li hija miżmuma mill-Korporazzjoni intimata. L-intimati qed jeċċepixxu preliminarjament illi l-azzjoni attriċi hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ċioe bid-dekors ta' sentejn.*

*Dwar l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u ċioe l-konvenut, jikkontendu li s-sentejn preskrizzjoni ai fini ta' dan l-Artikolu għaddew stante li l-inċident ġara fis-26 ta' Ġunju 2010. Illi għandu jingħad li s-soċjetà attriċi kienu intavolaw żewġ ittri uffiċjali u ċioe fid-dati tad-29 t'Awwissu 2011 u fit-12 ta' Ġunju 2013. Jidher li s-soċjetà konvenuta ġiet notifikata b'dawn iż-żewġ ittri uffiċjali fid-9 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Ġunju 2013 rispettivament. Illi f'dan il-każ ir-rikors promutur ġie intavolat fl-20 ta' Ġunju 2017 fejn is-soċjetà konvenuta ġiet notifikata fis-6 ta' Lulju 2017.*

*Illi minn dan jidher li bl-ewwel ittra uffiċjali li bagħtet is-soċjetà attriċi interrompiet il-preskrizzjoni u beda jiddekorri minn Awwissu 2011. Illi ġara qabel l-għeluq tas-sentejn mill-ewwel ittra uffiċjali, reġgħu intavolaw ittra uffiċjali oħra u din id-darba fit-12 ta' Ġunju 2013. Illi għalhekk kwalunkwe azzjoni li kellha ssir min-naħa tas-soċjetà attriċi kellha tagħmlu qabel l-għeluq tas-sentejn li f'dan il-każ kienu jagħlqu fit-12 ta' Ġunju 2015.*

*Illi dan ir-rikors promutur ġie intavolat fl-20 ta' Ġunju 2017 u ċioe kważi erba' snin mill-aħħar ittra uffiċjali li ġiet preżentata mis-soċjetà attriċi. Illi min-naħa l-oħra jikkontendu li huma bdew proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ fuq l-istess każ*

*in kwistjoni. Illi fil-fatt ġie esebit Lodo u d-deċiżjoni finali fuq dan il-każ ittieħdet fil-31 ta' Mejju 2017 skont iċ-ċertifikat maħruġ li jinsab a fol. 97 tal-proċess. Illi a tenur tal-Artikolu 2132 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà attriċi intavolat dan ir-rikors promutur fl-20 ta' Ġunju 2017 u għalhekk fit-terminu ta' xahar mid-data tad-deċiżjoni li ttieħdet mill-Arbitru. Illi għalhekk f'dan il-każ taħt l-artikolu 2132 ma hemm ebda kontestazzjoni għaliex il-kawża odjerna nfetħet fit-terminu preskritt ta' xahar.*

*Illi għalhekk jibqa' l-kwistjoni jekk il-kawża bir-rikors promutur kienx ġie interrott il-preskrizzjoni meta l-partijiet marru quddiem l-Arbitraġġ. Illi għalhekk l-azzjoni li s-soċjetà attriċi kellha tieħu kien almenu sa Ġunju 2015. Illi jidher mil-Lodo esebit fl-atti li jinsab a fol. 79 u li huwa mmarkat bħala Dok. Ċ, jidher li l-ewwel seduta ġiet miżmuma fit-2 ta' Lulju 2015. Illi għalhekk kwalunkwe rikors li seta' ġie ppreżentat kien qabel din id-data tat-2 ta' Lulju 2015. Illi għandu jingħad li ma ġie esebit l-ebda rikors jew talbiet oħrajn bid-data li bihom inbdew il-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ. Il-Qorti ċertament ma tistax taqta' minn jeddha meta kienet il-ġurnata preċiża li fiha nfetħu l-proċeduri fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ jew tassumi li dawn il-proċeduri nfetħu fil-perijodu preskrittiv, quod non est in actis non est in mundo.*

*Illi f'dan il-każ kienet is-soċjetà attriċi li kellha turi li l-preskrizzjoni ġiet interrotta. Fil-fatt biż-żewġ ittri uffiċjali mibgħuta lis-soċjetà konvenuta kienu waqqfu l-preskrizzjoni. Illi jidher però fit-trapass taż-żmien qabel l-għeluq tas-sentejn skont ma ngħad mis-soċjetà attriċi nfetħu proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ biex b'hekk huma urew li jżommu ferm sod il-jedd tagħhom li jirkupraw id-danni subiti minn dan l-inċident.*

*Illi għalkemm it-talbiet tagħhom ma ġietx aċċettata fuq punt ta' liġi, dan ma jfissirx li l-prova ta' meta ntavolaw it-talbiet tagħhom quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ma kellhiex tinġieb ladarba ġiet intavolata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biennali. Illi ta' min jinnota li s-soċjetà attriċi fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2018 għalqet il-provi tagħha dwar din l-eċċezzjoni u esebiet biss żewġ dokumenti u ċioe kopja formali tal-Lodo bħala Dok. Ċ u kopja formali taċ-Ċertifikat tar-reġistrazzjoni ta' deċiżjoni.*

## L-Appell

6. L-appellanti ippreżentaw l-appell tagħhom fit-23 ta' Ottubru, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex -

> *"(1) Tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet fuq premessi tat-8 ta' Ottubru 2019, fl-intier tagħha, u*
>
> *(2) Tordna li l-atti jiġu rimessi quddiem l-ewwel Qorti biex tkompli bis-smigħ tal-kawża fil-meritu skont il-liġi.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Korporazzjoni konvenuta appellata."*

7. L-appellanti jgħidu li ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti għaliex: (i) mhux minnu li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (ii) hemm inkompatibilità bejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, u l-eċċezzjoni li jiġi kkontestat il-*quantum* tad-danni pretiżi.

## Ir-Risposta tal-Appell

8. Fir-risposta tal-appell tagħha, il-konvenuta wieġbet li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma. Intqal li kien biss fl-istadju tal-appell li l-appellanti ppreżentat irċevuta bl-Avviż tal-Arbitraġġ tal-proċeduri intavolati minnha quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ bħala prova li l-azzjoni tagħha mhijiex preskritta. Il-konvenuta qalet li l-Qorti tal-Appell m'għandhiex

tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, u li l-Qorti tal-Appell tista' tagħmel apprezzament ġdid tal-fatti fil-mertu għal xi raġuni gravi u impellenti, f'każ li l-analiżi tal-provi mill-ewwel Qorti kienet żbaljata b'mod grossolan, u jekk jirriżulta li legalment u raġonevolment l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. L-appellata wieġbet illi m'għandu jirriżulta l-ebda nuqqas grossolan da parti tal-ewwel Qorti, u li l-uniku żball f'dawn il-proċeduri kien dak tal-appellanti nnifishom li ma ġabux il-prova meħtieġa fl-istadju opportun. Il-konvenuta qalet ukoll li d-dokumenti li nġabu mill-appellanti fl-istadju tal-appell kienu diġà disponibbli għalihom fl-istadju tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, u l-produzzjoni ta' dokumenti ġodda fl-istadju ta' appell tiġi permessa b'mod eċċezzjonali u mhux bħala regola. Intqal ukoll li t-tieni aggravju dwar l-inkompatibilità fl-eċċezzjonijiet ma tqajjimx quddiem l-ewwel Qorti, u li għalhekk ma kellux jitqajjem quddiem il-Qorti tal-Appell minħabba li l-eċċezzjonijiet kollha li għandhom jingħataw, sew jekk dilatorji jew fil-mertu, kellhom jitressqu fir-risposta għar-rikors promutur, u mhux jitressqu fl-istadju tal-appell.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti flimkien mar-risposti mogħtija mill-appellata fir-rigward, u dan wara s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti.

*L-ewwel aggravju: mhux minnu li l-azzjoni hija preskritta*

L-appellanti jgħidu li jħossuhom aggravati għaliex l-ewwel Qorti ddeċidiet li hija ma ġabet l-ebda prova li turi li l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ infetħu minnha qabel Ġunju tal-2015. Irid jiġi puntwalizzat illi filwaqt li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fis-26 ta' Ġunju, 2010, is-soċjetà attriċi ppreżentat ittri uffiċjali kontra l-konvenuta fid-29 t'Awwissu, 2011, u fit-12 ta' Ġunju 2013. Sussegwentement għall-preżentata ta' dawn iż-żewġ ittri uffiċjali, infetħu proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, bl-ewwel smigħ quddiem l-Arbitru li sar f'Lulju tal-2015. Mill-provi prodotti mill-partijiet quddiem l-ewwel Qorti, ma jirriżultax meta ġie ppreżentat l-Avviż tal-Arbitraġġ, għalkemm in-numru progressiv ta' referenza tal-arbitraġġ huwa 3943/2014, fattur dan li jipprova li l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ inġiebu f'xi żmien fis-sena 2014, li huwa żmien li jaqa' entro t-terminu ta' sentejn mill-aħħar ittra uffiċjali li ppreżentat is-soċjetà attriċi, dik tat-12 ta' Ġunju, 2013. L-ewwel Qorti saħqet fil-konsiderazzjonijiet tagħha, li in vista tan-nuqqas ta' prova rigward id-data preċiża meta ġew intavolati l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, hija ma setgħetx tistabbilixxi meta kienet din id-data hija stess mingħajr l-imsemmija prova, jew tiddeċiedi li l-azzjoni mressqa mis-soċjetà attriċi mhijex preskritta. L-appellanti, wara li ngħatat żmien tressaq tali prova quddiem l-ewwel Qorti, liema prova baqgħet ma tressqitx minnha, imma ppreżentat kopja tal-irċevuta u tal-Avviż tal-Arbitraġġ fl-istadju tal-appell, minn fejn jirriżulta b'mod ċar li l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ġew intavolati fit-3 ta' Marzu, 2014. Għalhekk huwa biss

f'dan l-istadju ta' appell li ngħabet prova mis-soċjetà appellanti li l-proċeduri tal-arbitraġġ inbdew minnha entro t-terminu ta' sentejn mill-preżentata tal-aħħar ittra uffiċjali kontra l-konvenuta.

L-artikolu 145 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirregola x'tip ta' dokumenti jistgħu jinġiebu mar-rikors tal-appell, u jispeċifika li mar-rikors tal-appell għandhom jinġiebu d-dokumenti li jsaħħu t-talbiet ta' wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor. Madanakollu għandu jingħadd li l-imsemmi artikolu 145 tal-Kap. 12 hemm min jinterpretah bħala li huwa suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-artikolu 150 tal-Kap. 12. F'dan il-każ is-soċjetà appellanti ppreżentat kopja tal-irċevuta u tal-Avviż tal-Arbitraġġ flimkien mar-Rikors tal-Appell bħala prova tad-data meta ġew intavolati l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, in sostenn ta' dak li qiegħed jiġi pretiż mis-soċjetà attriċi li l-azzjoni odjerna mhijiex preskritta. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis li ma kienx hemm il-ħtieġa li jiġu ppreżentata l-imsemmija dokumenti sabiex l-ewwel Qorti tikkonkludi li l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ġew istitwiti mis-soċjetà attriċi entro t-terminu ta' sentejn mill-preżentata tat-tieni ittra uffiċjali kontra l-korporazzjoni konvenuta. Il-Qorti tqis li n-numru progressiv tal-proċeduri tal-arbitraġġ kien jikkostitwixxi prova suffiċjenti għal dan il-għan, u għalkemm huwa minnu li quddiem l-ewwel Qorti ma ngħabitx prova tad-data preċiża meta nfetħu dawn il-proċeduri, il-fatt li ġie ppruvat li l-proċeduri tal-arbitraġġ ġew irreġistrati matul is-sena 2014, kellu jkun biżżejjed biex l-ewwel Qorti tasal għal konklużjoni differenti minn dik li waslet għaliha. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-preżentata ta' dokumenti ulterjuri fi stadju ta'

appell għandha tkun fakoltà li tingħata eċċezzjonalment mill-Qorti, u mhux waħda li għandha tingħata jew titwessa' leġġerment. Iżda f'dan il-każ, ma kienx hemm il-ħtieġa tal-preżentata ta' tali dokumenti, għaliex in-numru progressiv tal-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ kellu jkun prova biżżejjed li t-terminu preskrittiv għall-estinzjoni tal-azzjoni ma kienx iddekorra. Huwa għalhekk li din il-Qorti qiegħda tikkonsidra li l-ewwel Qorti m'għamlitx analiżi korretta tal-provi miġjuba quddiemha meta ddeċidiet li ma nġabux provi suffiċjenti li juru li s-soċjetà appellanti pproċediet entro t-terminu preskritt mil-liġi.

*It-tieni aggravju:* *Hemm inkompatibilità bejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-korporazzjoni konvenuta fir-risposta tagħha u l-eċċezzjoni tal-kontestazzjoni tal-quantum tad-danni*

Is-soċjetà appellanti ressqet ukoll l-aggravju li ladarba l-konvenuta kkontestat id-danni pretiżi, din il-kontestazzjoni kienet tammonta għal rinunzja taċita tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-konvenuta appellata min-naħa tagħha wieġbet li l-appellanti naqset milli tissolleva dan il-punt quddiem l-ewwel Qorti, u li l-eċċezzjonijiet kollha, kemm dawk dilatorji kif ukoll dawk fil-mertu, għandhom jinġiebu fir-risposta. Il-Qorti kkonsidrat li kienet il-konvenuta, l-appellata f'dawn il-proċeduri, li kellha tressaq risposta għat-talbiet tal-attriċi, u li kien

f'din ir-risposta li l-konvenuta eċċepiet, in linea preliminari, li l-azzjoni tal-attriċi hija preskritta, filwaqt li f'eċċezzjonijiet ulterjuri mogħtija minnha eċċepiet li d-danni pretiżi mis-soċjetà attriċi jridu jiġu ppruvati. Din il-Qorti kkonsidrat ukoll li l-ewwel Qorti ma kellhiex l-opportunità li tanalizza l-eċċezzjoni dwar il-*quantum* tad-danni minħabba li laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija in linea preliminari u konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi kollha. Din il-Qorti tirrileva wkoll li l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkunsidrat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qabel kull eċċezzjoni oħra mogħtija mill-konvenuta, u dan kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Alfred Sammut et *vs* Peter Vella**[1], fejn intqal illi:

> ".... il-fatt biss li s-sentenza ġiet deċiża bħallikieku l-ewwel eċċezzjoni (dik tal-preskrizzjoni) ma kinitx teżisti diġà huwa indikattiv biżżejjed li s-sentenza appellata ma tistax tkun ġusta fis-sustanza tagħha."

B'riferiment għat-tieni aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, din il-Qorti ma tarax ir-rilevanza ta' dan l-aggravju fil-kuntest tal-prosegwiment ta' dawn il-proċeduri, partikolarment meta din il-Qorti diġà ppronunzjat ruħha dwar il-fatt li l-azzjoni mressqa mis-soċjetà attriċi m'għandhiex titqies li hija preskritta. Huwa minnu li hemm inkompatibilità bejn l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u l-eċċezzjoni tal-kontestazzjoni tal-ammonti pretiżi f'kawża, iżda fil-każ odjern, eċċezzjoni bħal din kienet tkun aktar ta' rilevanza li kieku tqajmet quddiem l-ewwel Qorti, u mhux f'dan l-istadju tal-proċeduri. Dan qiegħed jintqal għaliex sabiex tkun tista' ssir ġustizzja mal-partijiet, l-atti ta' dawn il-proċeduri jridu

[1] 21.03.1988.

jiġu rimessi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex din tisma' l-kawża fil-mertu u tiddeċiedi dwar it-talbiet tas-soċjetà attriċi. Ladarba l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta mhijiex qiegħda tintlaqa', ma fadalx lok għal eżami minn din il-Qorti tat-tieni aggravju mressaq mill-appellanti.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li:**

1) **Tilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanti, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju mressaq minnha;**

2) **Tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Ottubru, 2019 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha;**

3) **Tordna li l-atti jiġu rimessi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża fil-mertu.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**